Aspettattivi meghluba

Xtaqt naqsam maghkom ftit riflessjonijiet dwar dak li qed jigri f'pajjizna xahren biss boghod minn gvern gdid iehor Nazzjonalista. Nammetti li l-aspettattivi, cioe', dak li stennejt jien , kollu nteghleb. Forsi wiehed jista' jahseb li x-xetticizmu tieghi ntaghleb, jigifieri li stajt bzaht minn xi affarijiet jew azzjonijiet mill-Gvern Nazzjonalista li ma sehhewx, imma jekk dan hu l-kaz, sfortunatament l-aspettattivi tieghi ma nteghlbux fil-pozittiv imma fin-negattiv. Se nispjegalkom ghalxiex.

Newtralita'

Kont nemmen u nahseb li n-newtralita' ta' pajjizna se tkun imzebilha. Qtajt. Imma l-aspettattiva tieghi integhlbet fis-sens li qatt ma stennejt li se tkun imzebilha f'dan l-estrem. Kont nahseb li l-principju ta' newtralita' kien se jinkiser biss teoretikament u mhux b'mod brutali.

Illum il-gurnata nafu u nistghu naraw b'ghajnejna u mmissu b'idejna propju, x'ikun pajjiz alleat militarment fil-veru sens tal-kelma. L-ewwel flus li injettaw fl-ekonomija ta' pajjizna minn bicca tal-gwerra kienu gew meta ghall-ewwel darba, il-La Salle, sorga ghal tiswijiet.

Niftakru kemm kontroversji kienu nqalghu u wara hafna furur, il-kuntratt kellu jigi accettat.

Imbaghad vapur kien taparsi nkalja fl-ibhra Maltin u kellna naccettawh. Illum il-gurnata, vapuri tan-NATO jigu hawn regularment u b'kunfidenza liema bhalha. Anzi, tant drajnihom, li lanqas biss naghtu kashom.

Imbaghad kien hemm stejjer sahansitra ta ihirsa ta' tankijiet tal-gwerra li nizlu f'pajjizna qisna qeghdin f'nofs l-istorja ta' l-esperiment ta' Philadelphia. Imbaghad inholqot il-kwistjoni tar-Rapid Reaction Force u l-FAM. L-ewwel kulhadd serrah ras il-poplu li, partecipazzjoni ma' din l-iskwadra se tkun biss volontarja. Issa rekluti godda se jkollhom il-kundizzjoni li jiehdu sehem marbuta ma' applikazzjoni taghhom ghal suldati mal-FAM. Veru stil ta' kif jaghmel l-affarijiet Gvern Nazzjonalista biss. Mela l-aspettattivi tieghi veru nteghlbu imma fin-negattiv, ghax qatt ma hsibt li se naslu ghal dan kollu, b'kollox fil-miftuh f'daqshekk qasir zmien.

Kompetizzjoni

Il-kompetizzjoni wkoll izzeffnet fin-nofs u hafna! L-ewwelnett kellna l-kwistjoni ta' l-MV Doulos. Urietna fic-car li lesti ghall-kompetizzjoni ! U biex niddefendu d-drittijiet tal-konsumatur u mhux ta' l-industrijalist !

Donnhom il-bejjiegha tal-kotba xtaqu jippostponu d-dehxa tal-kompetizzjoni mill-barranin. Sejhulha kompetizzjoni « ingusta ». Issa naraw il-kompetizzjoni bi shubija shiha hix ser tkun gusta jew ingusta !

L-aspettattivi tieghi veru ntghelbu ghax ma ppretendejtx li nifilhu naqghu daqshekk ghaccajt.  Xahar biss wara li accettajna li nifthu bwiebna kollha ghal kull bejjiegh tal-Monti fi Sqallija u minn fejn kienu.

Issa f'daqqa wahda l-kompetizzjoni u l-kompetittivita' zzeffnet ukoll fin-nofs permezz tal-Federazzjoni ta' l-Industrija.